DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 203/2019

tal-10 ta' Lulju 2019

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra l-erba' libertajiet [2022/2225]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim dwar iż-ŻEE fl-azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-iżvilupp tas-suq uniku għas-servizzi finanzjarji.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat biex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2019,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-paragrafu 11 tal-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, il-kliem "u l-2018" jinbidlu bil-kliem ", l-2018 u l-2019".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *.

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Gunnar PÁLSSON

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.